MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2014

Appell Kriminali Numru. 365/2011

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Brian Bonnici**

Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fil-5 ta' Mejju, 2011 ghall-habta tal-10.17pm, fi Triq il-Kbira San Guzepp, Hamrun

1) Saq vettura Nru. ALX-981 minghajr ma kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni.

2) Saq vettura Nru. ALX-981 minghajr ma kienet licenzjata mill-Awtorita ghat- Trasport f' Malta biex tintuza fit-triq (licenzja tal-vettura mhux imgedda),

Il-Prosekuzjoni tablet li l-imsemmija persuna jigi skwalifikat milli jzomm jew ikollu ebda licenzja ta-sewqan ghal-perjodu taz-zmien ta' mhux anqas min tnax il-xahar.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-20 ta' Settembru, 2011 fejn Il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 15(1)(a)(3) Kap 65 u l-artikolu 3(1) Kap 104, il-Qorti sabet illi l-akkuzi gew ippruvati minghajr ebda dubju, sabet lill-imputat hati u kkundannatu ghall-hlas ta' multa komplessiva ta' €2,500 u sospenzjoni tal-licenzji kollha tieghu ta-sewqan ghal tnax (12) il-xahar minn dakinar.

Rat ir-rikors tal-appellant pprezentat tat-23 ta' Settembru, 2011 fejn talab lil din il-Qorti thassar u tirrevoka is-sentenza appellata billi tillibera lill-imputat minn kull piena u imputazzjoni.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, huma s-segwenti w cioe':-
Illi fl-ewwel lok, skond l-affidavit maghmul minn PS1195 C. Debattista, l-esponent gie sottopost ghal interrogatorju, u dank if hareg minn dak li stqarr l-istess ufficjal tal-Pulizija fl-affidavit tieghu, fejn fost ohrajn qal li talab lill-esponent sabiex juri l-polza tas-sigurta` tal-vettura. Din tammonta ghal interrogazzjoni dwar reat suspettat. Kien f'dan l-istadju li l-avukat sottoskrit talab l-isfilz ta' l-imsemmi affidavit, propju ghax l-esponent waqt li kienu qed isiru dawn il-mistoqsijiet ma kienx mghejjun minn avukat. Dan a bazi ta' sentenza ricenti fosthom *Pulizija vs. Alvin Privitera* tal-Qorti Kostituzjonali tal-11 ta' April, 2011 u *Pulizija vs Mark Lombardi* tal-Qorti Kostituzzjonali tat-12 ta' April, 2011, huwa lesiv ta' l-Artikolu 39(6)(3)(c) tal-Kostituzzjoni u ta' l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem. L-ewwel Onorabbli Qorti cahdet din it-talba ta' l-esponent, u ppermettiet li jithalla fl-atti l-istess affidavit, bid-difetti

procedurali kollha ta’ li ghandu mieghu, hekk kif inhu, lesiv tad-drittijiet fuq imsemmija.

Illi di piu` m’hemm imsemmi mkien fl-istess affidavit appena msemmi illi l-ufficjal tal-Pulizja ta’ b’xi mod twissija verbali lill-imputat dwar il-possibilita` li jinkrimina ruhu. Dan ukoll jirrendi l-proceduri difettuzi ghaliex l-ewwel u qabel kollox kellha tinghata din it-twissija, haga li fil-fatt ma saritx.

Illi n-nuqqas ta’ l-ewwel Onorabbli Qorti li tisfilza dan l-affidavit skond kif mitlub ippregudika serjament lill-esponenti fid-difiza teighu, skond kif fuq spjegat.

Illi t-tieni aggravju huwa li r-rapprezentant ta’ l-Awtorita` ta’ Malta Dwar it-Trasport meta tela` jixhed xehed illi fil-5 ta’ Mejju, 2011 il-vettura ta’ l-esponent ma kinitx licenzjata biex tintuza fit-triq, u waqaf hemm. Ma xehedx dan dwar il-perjodu precedenti ghall-5 ta’ Mejju, 2011, u f’dan is-sens allura ma sostniex dak li qal PS1195 fl-affidavit tieghu illi l-imsemmija licenzja kienet ilha skaduta minn Jannar tas-sena 2010. L-ahjar prova dwar kemm kienet ilha skaduta din il-licenzja kellha tingieb mix-xhud ta’ din l-awtorita`, pero` dwar dan ir-rapprezentant xhud ta’ l-istess awtorita` ma qal u xehed xejn.

Illi t-tielet aggravju huwa propju, ghal darb’ ohra dwar l-affidavit ta’ l-istess PS1195 C.Debattista. Anke jekk dan l-affidavit jigi ammess bhala prova producible f’ din il-kawza, minghajr pregudizzju ghal dak li ntaql fuq, dan xehed, u x-xhieda sejra tigi riprodotta testwalment, illi ‘din il-vettura kellha il-licenzja tal-windscreen skaduta minn Jannar 10’. Qal ukoll, b’referenza ghall-polza ta’ l-assigurazzjoni illi mic-certifikat taghha ‘din deheret li kienet skaduta f’Jannar 10 ukoll’. Jinghad bir-rispett illi d-data li ghamel referenza ghaloha dan ix-xhud fl-affidavit tieghu ma taqbel xejn mad-ddata imsemmija fl-akkuza. Fi ftit kliem, id-data ‘Jannar 10’ mhijiex data li tghin lill-Qorti tikkonkludi minghjar ebda dubju illi l-licenzja u l-polza ta’ l-assigurazzjoni ma kienux imgedda. Li kieku d-data kienet ‘Jannar 2010’ kienet tkun storja ohra. Pero` bir-rispett kollu, id-data kif imnizzla fl-affidavit hija difettuza, u ghal

dan ukoll l-esponent ghandu jigi mehlus mill-akkuzi kontra tieghu. It-taqsir ta' dati u esprezzjonijiet ekwivoci ghandhom jimmilitaw favor l-esponent u mhux bil-kontra, u dan meta dan l-istess xhud seta` facilment jixhed kif imiss.

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi fil-5 ta' Mejju ta' l-2011 ghal habta ta' 22.17 hrs, waqt illi PS 1195 C Debattista kien qed jaghmel kontrolli fit-toroq, gewwa Triq il-Kbira San Guzepp, il-Hamrun, waqqaf vettura tat-tip Tata bin-numru tar-registrazzjoni LAX 981 u nnota illi l-vettura kellha l-licenzja tal-windscreen skaduta minn Jannar ta' l-2010. Is-Surgent staqsa lix-xufier, l-appellant Brian Bonnici ghaliex kellu l-licenzja skaduta u talbu sabiex juri l-polza tas-sigurta ghas-sena kurrenti.  Izda meta l-appellant wera' c-certifikat, din dehret li kienet skaduta f'Jannar ta' l-2010 ukoll.  Hawnhekk s-Surgent talab il-particulars tas-sewwieq illi rrizulta li kien l-appellant Brian Bonnici.  L-appellant tressaq il-Qorti u b'sentenza ta' l-20 ta' Settembru ta' l-2011 instab hati u gie mmultat €2,500 u sospenzjoni tal-licenzja tas-sewqan ghal zmien 12-il xahar.  L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u dehrlu li l-ewwel Qorti kellha tiskarta l-Affidavit tas-Surgent, peress li ma gewx osservati l-minimu ta' kawteli tad-drittijiet ta' l-appellant billi nghata t-twissija, li dak kien qieghed jghid seta' jingab kontra tieghu. L-ewwel Qorti, trattat dan l-argument u skartatu billi ddikjaratu fierah u versatorju u ntis unikament sabiex iwaqqa' ghar-redikolu is-sistema gudizjarja u ezekuttiva ta' Malta u dan peress li fil-kaz odjern kien car illi l-appellant ma kienx arrestat izda biss twaqqaf f'road check.

Ikkunsidrat.

Fl-Appell tieghu, l-appellant ghamel referenza ghal kawzi decizi mil-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet il-Pulizija versus Alvin Privitera u l-Pulizija versus Mark Lombardi, fejn in-nuqqas ta' assistenza legali waqt arrest kien jilledi d-dritt kostituzzjonali ta' smiegh xieraq lill-akkuzati.  L-appellant pero ma jsemmix, illi wara s-sentenzi fuq imsemmija,

inghataw ohrajn fl-ismijiet Charles Steven Muscat versus l-Avukat Generali fit-8 t’ Ottubru ta’ l-2012 u wkoll lil John Attard versus l-Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat Gernerali fil-31 t’ Ottubru ta’ l-2012 li xejnu ghal kollox it-taghlim moghti fis-sentenzi msemmija mill-appellant. F’dik ta’ qabel, il-Qorti Kostituzzjonali sede Appell, qalet fost affarijiet ohra "Ghalhekk, li trid taghmel din il-Qorti ma huwa li tara li jekk l-attur huwiex hati jew le ta’ l-akkuzi li ngiebu kontrieh u lanqas li tara biss jekk l-attur kellux l-ghajnuna ta’ avukat waqt l-interrogazzjoni u tieqaf hekk ; li ghandha taghmel din il-Qorti hu li tara jekk dak in-nuqqas wassalx ghal ksur tal-jhedd ghal smiegh xieraq u jekk inholoqx il-periklu li l-attur jinstab hati meta ma kellux jinstab hati. Jekk ma hemmx dak il-periklu, mela ma hemmx ksur."

Pero hemm differenza sostanzjali bejn ic-cirkostanzi ta’ l-appellant u dawk imsemmija fil-kawzi kostituzzjonali. Dan ‘l ghaliex fil-kaz ta’ l-appellant, ma hemmx arrest.

Ikkunsidrat.

Fil-kawza deciza fl-14 ta’ Novembru 2013, il-Pulizija versus Kevin Stoner, din il-Qorti qalet "Il-Qorti jidrilha illi dan l-insenjament ma jistax jittiehed in konsiderazzjoni fil-kaz ta’ "road side interviews", dan ghas-semplici raguni illi l-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali japplika biss fil-kaz ta’ arrest ta’ persuna meta jkun hemm id-deprivazzjoni tal-liberta. F’kaz ta’ « road side interviews », il-persuna ma tkunx arrestata u ma jkunx hemm a « deprivation of liberty », biex jiskattaw dawk il-kawteli msemmija mill-Qorti Kostituzzjonali. F’dan il-kaz quindi, meta Pulizija jkun qed jintervista persuna fit-triq dwar xi kontravenzjoni tat-traffiku, jista’ jsaqsi d-domandi li jrid u l-persuna tista’ twiegeb volontarjament kif trid u twegibiet jistghu jingiebu favur jew kontra din il-persuna fl-isfond ta’ l-Artiklu 658 tal-Kap 9 u ma hemmx ghalfejn korroborazzjoni minn provi ohra. Dik l-ammissjoni, f’dawk ic-cirkostanzi ghandha titqies bhala prova valida legali u sufficjenti." Dan l-insenjament, jsegwi dak moghtija mill-Qorti Ewropea ghad-drittijiet tal-bniedem, fil-kaz ta’ Alekzander Zaichenko versus Russia, deciza fit-18 ta’ Frar 2010

(NRU 39660/02) fejn f'paragrafu 56 inghad *"In some, the evidence available to the Court supports the claim that the applicants pre trial admission, whether directly self incriminating or not, was used in the proceedings in a manner which sought to incriminate him. In the Court's view, statements obtained in the absence of procedural guarantees, should be treated with caution.*
*57. Hence, what remains to be determined is whether the criminal proceedings against the applicant, can be considered fair on a count of the use made of the applicants' pre trial admission. Regard must be had to whether the rights of the defence had been respected and whether the applicant was given the opportunity of challenging the authenticity of the evidence and of opposing its use. In addition, the quality of the evidence must be taken into consideration, including whether the circumstances in which it was obtained casted out on its reliability or accuracy."* Ma hemmx dubju illi f'dan il-kaz, id-drittijiet tad-difiza gew rispettati u l-appellant kellu kull opportunita biex imeri l-awtenticita tal-provi migjuba u jekk, inhuwa l-kaz jopponija. Di piu, ic-cirkostanzi illi ngabet din il-prova u cioe li s-Surgent li qed jixhed fuq dak li kien qieghed jara, ma jitfa' l-ebda ombra ghal dak li jirrigwarda *"reliability or accuracy"* tal-prova migjuba. Is-Surgent kellu dritt jaghmel il-kontrolli fit-triq, kif kien qed jaghmel u osserva "di propio", li l-vettura misjuq mill-appellant kellha l-licenzja tal-windscreen skaduta. Seta' jikkonstata wkoll li l-polza tas-sigurta illi pproduca l-appellant ukoll kienet skaduta u jsegwi b'mod naturali, li la darba s-Surgent jkun ikkonstata dan il-ksur tal-Ligi, jitlob spjegazzjoni minn dak li jkun. F'dan il-kaz, l-appellant stqarr mal-Pulizija illi ma kellux flus biex ihallas ghall-assigurazzjoni u ghal licenzja. Zgur illi f'dawn ic-cirkostanzi jkun assurd u kontro sens li l-Pulizija toqghod taghti l-"caution" lil dak li jkun meta l-istess Pulizija tkun ikkonstatat "di viso" l-ksur tal-Ligi minghajr mal-persuna tkun ghadha fethet halqha.

Ghalhekk din il-Qorti jidrilha, illi l-ewwel Qorti, fuq il-provi illi kellha quddiemha setghet ragonevolment u legalment tasal ghal konkluzzjoni illi waslet ghaliha u ghalhekk mhux il-kaz li din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u

konkluzjoni. Ghal dawn il-motivi, taqta’ u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------